MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## JOSEPH S. REFALO

Seduta ta' l-24 ta' Frar, 2006

Talba Numru. 2408/2003

**GasanMamo Insurance Limited – C 3143 kif surrogati fid-drittijiet ta' l-assiguraturi taghha Marcellino u Joyce Galea skond il-ligi u l-polza (Claim Numru No34197) u Marcellino Galea u Joyce Galea**

**vs**

**Blye Engineering Co. Limited**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-3 ta' Dicembru, 2003 fejn intqal illi s-socjeta' konvenuta ghandha tigi kkundannata thallas is-somma ta' tmien mija u sebgha u disghin lira u disgha u disghin centezmu (Lm897.99) lis-socjeta' attrici u mija u hamsin lira (Lm150.00) lill-atturi konjugi Galea bl-ispejjez u bl-interessi mid-data tal-prezentata tal-**

**avviz kontra l-konvenuti li minn issa huma ngunti ghas-subizzjoni u dana peress illi:**
**Il-konjugi Marcellino u Joyce Galea ordnaw u xtraw minghand il-konvenut freezers biex jigu installati u uzati fil-hanut taghhom Modern Fish Shop, Attard.**
**Peress illi wara li gew suppliti u installati l-konjugi Galea bdew juzawhom u poggew fihom stock ta' ikel konsistenti f'hut u ikel iehor.**
**Peress illi f'incidenti li sehhew f'Lulju u Awissu 2002, l-imsemmija freezers ma funzjonawx kif suppost u b'hekk l-istocks li kien hemm fihom gew danneggjati.**
**Peress illi l-konjugi Galea kienu assikurati mas-socjeta' attrici u gew kumpensati fl-ammont ta' tmien mija u sebgha u disghin lira u disgha u disghin centezmu (Lm897.99) rapprezentanti parti mid-danni fuq subiti u l-istess konjugi ma gewx kumpensati bl-ammont ta' mija u hamsin lira (Lm150.00) Maltin rapprezentanti l-excess.**
**Peress illi l-konvenuti huma unikament responsabbli ghad-danni imsemmija, liema konvenuti interpellati sabiex ihallsu baqghu inadempjenti.**

**Ra r-risposta tas-socjeta' konvenuta pprezentata fil-15 ta' Jannar, 2004 fejn intqal:**
**Illi t-talbiet tal-atturi huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante li l-freezers suppliti u installati mis-socjeta' konvenuta kienu skond il-ftehim u ma kellhom ebda difetti, u gew installati skond l-arti u s-sengha. Dak li gara fl-incidenti riferiti fl-avviz kien kollu dovut (a) ghal thaddim hazin ta' l-appart in kwistjoni; (b) ghaliex il-konjugi Galea ma mxewx fuq l-istruzzjonijiet moghtija lilhom mit-teknici tas-socjeta' konvenuta, kif ukoll mis-suppliers ta' l-istess apparat.**
**Ghalhekk is-socjeta' konvenuta tichad li ghandha responsabbilta' ghal xi danni li setghu sofrew il-konjugi Galea u tirriserva kull azzjoni spettanti lilha skond il-ligi ghal bilanc dovut lilha mill-istess konjugi Galea ghall-apparat kollu stallat fuq ordni taghhom.**
**Ra l-eccezzjoni ulterjuri tat-22 ta' Jannar, 2004 li fiha s-socjeta' konvenuta eccepiet li l-atturi Marcellino u Josephine konjugi Galea baqghu juzaw u jzommu taht il-kontroll taghhom l-apparat in kwistjoni u ma hadu l-**

**ebda passi biex jiddepozitawhom taht l-awtorita’ tal-Qorti skond il-ligi.**

**Semgha x-xhieda ta’ Arthur Taliana, John Galdes, Joyce Galea, Inginier Carmel Cuschieri, Joseph Tanti, Albino Formosa, Victor Cassar, Ray Mallia. Ha konjizzjoni tad-dokumenti esebiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz. Semgha lid-difensuri tal-partijiet jittrattaw il-kaz.**

**Ikkunsidra:**

**1. Il-kaz jirrigwarda danni rizultanti mill-fatt illi f’Lulju- Awissu 2002 il-freezers installati fil-hanut Modern Fish Shop, Attard proprjeta’ ta’ l-atturi ma ffunzjonawx kif suppost. Bhala konsegwenza ta’ dan l-atturi garrbu danni fl-istocks li kellhom fil-freezers.**

**2. Is-socjeta’ konvenuta qieghda tghid illi l-freezers ma kellhom ebda difett u li dak li gara kien dovut ghal thaddim hazin tal-freezers kif ukoll ghal fatt li ma segwewx l-istruzzjonijiet. Apparti minn dan is-socjeta’ konvenuta qieghda tghid illi l-atturi baqghu ma ddepozitawx l-apparat il-Qorti.**

**3. Id-danni huma elenkati fil-lista Dok A u fis-survey Dok C u minn survey iehor Dok D. Minn dawn wiehed jista’ jikkonstata illi ma kienx il-kaz illi jigu depozitati l-freezers fil-Qorti ghaliex mhux qed jintalab xi hlas lura tal-freezers imsemmija. Ghalhekk it-Tribunal qed jichad l-eccezzjoni ulterjuri sollevata.**

**4. Jirrizulta illi kien hemm zewg kazi illi fih ggarrbu danni. L-ewwel kaz sehh fl-1 ta’ Lulju, 2002 fliema data kien intbaghat is-surveyor ta’ Castille Surveys Limited u tqabbad l-Inginier Carmel Cuschieri biex jara s-sitwazzjoni u dana skond ma jirrizulta mid-Dok C u Dok E rispettivament.**

**5. It-tieni kaz sehh fil-5 ta’ Awissu, 2002. Kien tqabbad is-surveyor Aurthur Taliana.**

**6. Skond l-Inginier Cuschieri l-hsara fl-ikel kienet saret minhabba li s-sistema tar-refrigerazzjoni ma kienetx qed tahdem tajjeb, u t-temperatura kienet tvarja.**

**7. Fis-sena 2003 gara kaz iehor simili u sar rapport lis-Sanita, u l-hanut inalaq peress illi skond tas-Sanita ma setax ikompli jopera.**

**8. L-assigurazzjoni ghall-ewwel kaz kienet halest is-somma ta' seba mija sitta u disghin lira Maltija sitta u sittin centezmu (Lm796.66c) u l-atturi kienu wehhlu hamsa u sibghin lira Maltija excess (Lm75.00c). Fit-tieni kaz kien sar hlas mill-assikurazzjoni fis-somma ta' mija tmienja u ghoxrin lira Maltija u tlieta u tletin centezmu (Lm128.33c), dawn b'kollox igibu s-somma ta' disa mija ergha u ghoxrin lira Maltija u disagha u disghin centezmu (Lm924.99c).**

**9. Mix-xhieda mismuha, irrizulta illi wara li gew instalati l-freezers, xi gimgha wara tpogga lis-stokk fihom. Joyce Galea fir-rigward tghid "meta kollox twahhal f'postu, dawn qaluli li jiena stajt nimla dawn l-freezers bl-ikel". Wara li sar hekk gie nnutat li l-affarijiet frizati b'dew jinhallu, informaw lis-socjeta konvenuta, pero' wara jumejn lis-stokk niten, fir-rigward ta' dan ma kienetx saret claim.**

**10. Sussegwentament l-attur kien kellem lil Ray Mallia tas-socjeta konvenuta u kienu marru t-teknici, pero' ma sabux tarf. It-teknici ssuggerew li s-sistema tal-eletriku ma kienetx b'sahhita bizzejjed. Ghalhekk l-atturi applikaw ghal sistema three phase, izda l-freezers baqu jahdmu l-istess.**

**11. It-teknici tas-socjeta konvenuta kienu ddecidew li jkabru l-kompressuri. Dawn inbidlu pero' wkoll kien ghal ta' xejn.**

**12. L-attrici indikat li kien hemm diversi problemi, fosthom li t-temperatura ma tinzamx; li jfroma silg mal-biebin; li biex jitnehha is-silg issir hsara ghal lis-steel frame; li l-kumpessur kien mixghul il hin kollu; li ma kienx hemm dwal fil-unit; u finalment li l-materjal fil-units il-baxxi ma kienx izomm it-temperatura.**

**13. Mid-Dok E esebit li huwa s-survey maghmul mill-Inginier Charles Cuschieri gie nnutat is-segwenti "it is concluded that the high variances in the temperature inside the freezer was due to the mal functioning or incorrect functioning of the refrigerating system".**

**14. Hekk ukoll fis-survey Dok F ta' l-istess Inginier Cuschieri, rigwardanti t-tieni kaz gie nnutat illi kien**

**hemm miljorament fis-sistema kif tahdem pero' xorta nnota ssegwenti "the units especially the deep freezers are still not operating to specification as they are not reaching a temperature of 18 degrees centigrade; one of the refrigerators under the bench was with a rather high temperature plus 12 degrees centigrade to 15 degrees centigrade which is not acceptable".**

**15. Hekk ukoll is-surveys Dok C u Dok D maghmulin minn Arthur Taliana jikkonferma dawn il-fatti.**

**16. Jirrizulta wkoll illi kien hemm problema bl-ice making machine. Qalu lis-socjeta konvenuta u din bghatet technician li wara li hadem fuq il-magna, l-istess magna waqfet tahdem. Dan kien gara minhabba li kien ghalaq il-vit tal-ilma, fil-waqt li technician iehor qal li l-problema kienet valvola li ma kienetx qed talaq. Il-problema ma gietx rizulta.**

**17. Dwar is-sistema tal-igene necessarja xhedt Joseph Tanti mill-Fisheries Department li ghamel referenza ghar-rapport tieghu a fol 64 tal-process.**

**18. It-Tribunal jinnota illi t-technicians tas-socjeta konvenuta Albino Formosa u Victor Cassar, ma gabux ragunijiet validi li bijhom jiggustifikaw lilment tal-atturi anzi huma jipprovaw jghatu t-tort fis-sistema tal-eletriku u l-Enemalta, pero' fir-rigward ma hemm l-ebda indikazzjoni li dan huwa minnu.**

**19. Ray Mallia Direttur tas-socjeta konvenuta jghid illi s-sitema tar-refrigirazzjoni tal-atturi kienet simili ghal dik ta' Supermarket, pero' dan ukoll qed jatribwixxi t-tort tas-sistema tal-eletriku.**

**20. Ghalekk mill-kumpless tal-provi t-Tribunal huwa sodisfatt illi s-sistema ta' refrigirazzjoni qatt ma hadmet sew ghax kienet difettuza, bil-konsegwenza li l-atturi soffrew id-danni li qed jitolbu.**

**Ghaldaqstant it-Tribunal qed jilqa' t-talba attrici, jiddikjara lis-socjetga konvenuta unikament responsabbli ghad-danni imsemmija u tikkundanna lill-istess socjeta konvenuta thallas lis-socjeta attrici is-somma tmien mija u sebgha u disghin lira u disgha u disghin centezmu (Lm897.99), u lill-atturi s-somma**

**ta’ mija u hamsin lira (Lm150.00) . Bl-imghaxijiet legali dekorribbli mit-3 ta’ Dicembru, 2003. L-ispejjez ta’ din lis-stanza ghandhom jigu sapportati unikament mis-socjeta konvenuta.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------